MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2006

Numru. 482/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Lucy Saliba bint Francis u Antonia nee' Farrugia, imwielda fil-24 ta' Ottubru 1964 u residenti 11, Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex. Numru ta' l-Identita' 41764(G).**

Il-Qorti;

Rat illi l-imputata **LUCY SALIBA** gie mressqa quddiemha u akkuzata fl-1 ta' Settembru, 2005 fil-Qorti t'Ghawdex ghal habta ta' l-10:45 ta' filghodu;

1. Kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

2. Ingurjat jew hedded lil Maria Cini bil-kliem;

3. U aktar talli kisret l-Art 383 b'sentenza moghtija lilha fil-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex Magt Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. nhar l-1 ta' Settembru 2005.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil Maria Cini, Ursola Agius u Joseph Agius jixhdu fis-seduta ta' l-1 ta' Settembru, 2005;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputata ghajret lil Maria Cini bil-kliem *qahba nittiena* fil-bini tal-Qorti nhar l-1 ta' Settembru, 2005 ftit wara li l-istess imputata kienet giet misjuba hatja l-Qorti fuq akkuza simili fil-konfront ta' l-istess Maria Cini;

Illi din il-Qorti m'hijiex ser tippermetti lil min jiehu l-impressjoni li huwa 'l fuq mill-Ligi u li jista' jaghmel li jrid u jinsulenta lil min irid u fejn irid. Dan mhux zgur agir ta' bniedem li jghix f'pajjiz demokratiku;

Il-Qorti ezaminat il-fedina penali ta' l-imputata li hija wahda riflettorja hafna b'diversi reati registrati fuqha ta' l-istess generu bhal din odjerna u fil-konfront ta' l-istess persuna u ghaldaqstant thoss li issa wasal iz-zmien li l-Qorti tuza l-id kiefra ma l-imputata peress illi mill-pieni li giet moghtija fil-passat u cioe' l-hlas ta' multa u ammenda ma tghalmitx;

l-Qorti rat l-Artikolu tal-Ligi u cioe' 338 dd u 339 e tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikkjara li qed issib lill-imputata hatja ta' l-ewwel zewg akkuzi u tikkundannaha gimgha

detenzjoni kumplessivament u mhux hatja tat-tielet akkuza u tilliberaha minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------